**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Lujlu 2019 — Sbarbati vs Il-Parlament**

**(Kawża T-424/19)**

(2019/C 295/63)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Luciana Sbarbati (Chiaravalle, l-Italja) (rappreżentant: M. Merola, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara ineżistenti jew tannulla kompletament il-miżura li dwarha r-rikorrent kien infurmat permezz tal-komunikazzjoni kkontestata, li biha l-Parlament Ewropew iddetermina mill-ġdid id-drittijiet tal-pensjoni tal-irtirar u ordna l-irkupru tal-ammont imħallas abbażi tad-determinazzjoni tal-pensjoni preċedenti;

— tordna lill-Parlament Ewropew jħallas lura s-somom kollha miżmuma indebitament, flimkien mal-interessi legali mid-data taż-żamma sad-data tal-ħlas, u li l-Parlament Ewropew jiġi kkundannat li jimplimenta s-sentenza li ġejja u jieħu l-inizjattivi, l-atti jew il-miżuri kollha meħtieġa, sabiex jiggarantixxi l-istabbiliment mill-ġdid u sħiħ immedjat tal-portata oriġinali tal-benefiċju tal-pensjoni;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawża T-389/19, Coppo Gavazzi vs Il-Parlament.

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Lujlu 2019 — Ventre vs Il-Parlament**

**(Kawża T-425/19)**

(2019/C 295/64)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Riccardo Ventre (Formicola, l-Italja) (rappreżentant: M. Merola, avukat)